GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

**ĊIRKULARI**

Referenza: DELH 087/2025

Mingħand: L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

Lil: Diretturi Ġenerali
Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Chairpersons / Uffiċjali Eżekuttivi Ewlenija
Diretturi / Assistenti Diretturi
Kapijiet tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-Iskejjel Medji tal-Istat / Uffiċjali Edukattivi / Kapijiet tad-Dipartiment
Ħaddiema (MEYR)

Suġġett: Il-Malti fl-Istorja – Attività Kurrikulari għall-istudenti tas-7 sena

Data: 21 t'Ottubru 2025

---

Id-Dipartiment tal-Malti fi ħdan id-Direttorat għas-Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi flimkien ma' Heritage Malta, qed jerġa' jippreżenta numru ta' sessjonijiet bl-isem ta' **Il-Malti fl-Istorja** għall-istudenti tas-seba' sena fl-iskejjel Medji b'rabta mal-kisbiet li nsibu fis-sillabu tal-Malti fejn tidħol il-ħila fit-taħdit dwar tema kulturali. Il-Malti fl-Istorja hi attività msejsa fuq metodoloġija ta' tagħlim interattiv u tinstiga motivazzjoni intrinsika fost l-istudenti billi tuża b'mod sħiħ l-ambjent u l-materjal uniku li joffri l-Mużew tal-Etnografija fil-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu.

Il-Mużew Etnografiku jsir il-klassi għal dik il-ġurnata b'attivitajiet marbutin ma' temi kulturali li jgħinu lill-istudenti mhux biss biex isaħħu l-għarfien kulturali tagħhom imma anke jilħqu l-ħiliet meħtieġa għal meta jiġu biex jagħmlu l-preżentazzjoni tagħhom fil-klassi. Din l-attività tħaddem ukoll it-tagħlim kross-kurrikulari speċjalment fejn tidħol l-Istorja u l-Arti Performattiva. Biha jkunu qed jintlaħqu miri edukattivi għall-ġid tal-istudenti tagħna, tal-ilsien Malti li tant inħobbu u dak kollu li jagħmilna Maltin.

Il-programm tal-attività Il-Malti fl-Istorja jinkludi:

- materjal awdjo-viżiv li fih jisimgħu reġistru antik Malti f'oqsma varji;
- jesperjenzaw affarijiet li mhumiex familjari magħhom bħal materja prima, għodda flimkien ma' użanzi li kienu jintużaw fil-biedja u l-insiġ;
- jaraw ilbies Malti antik u awtentiku li hemm fl-istess Mużew u jsiru jafu kif kienu jirreferu għalih u kif jinżamm ikkonservat;
- jipparteċipaw f'attivitajiet interattivi li bihom ikomplu jsiru familjari ma' kliem speċifiku ta' lbies tradizzjonali Malti;
- jaqraw u janimaw reċti addattati dwar każijiet li nsibu f'dokumenti notarili u li seħħew fi żmien l-Inkwiżizzjoni;

- jinnutaw l-influwenza li ħallew l-elementi barranin fuq l-ilsien Malti u
- joffru l-opportunità ta' kontinwazzjoni fil-klassi permezz ta' tiftix u preżentazzjoni/taħdita.

Dawn is-sessjonijiet se jsiru fix-xhur ta' Novembru 2025 u Marzu 2026.

Grazzi tas-sapport u l-koperazzjoni tagħkom,

**Dr Alice Micallef**

**Direttriċi**
**Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi**